MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 125/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Guido Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Guido Agius Furniture Ltd (C 10815) ghas-snin 1998, 1999, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500) u multa addizzjonali ta’ sebgha Euro (€7) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni dara w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant mill-akkuza migjuba kontra tieghu u tilqa` l-eccezzjoni minnu mressqa jew inkella sabiex tirriforma l-piena li ghaliha gie kkundannat u timponi piena iktar idonea, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-akkuzi kif dedotti huma preskritti bid-dekors tat-terminu previst mill-ligi u dan billi l-appellant esponent jinsab fl-impossibilita` assoluta li jhallas kwantu dovut lil-

Awtoritajiet ikkoncernati, sija proprio kif ukoll nomine, u tali impossibilita` ilha ssehh matul il-perjodu preskrittiv kollu;
Illi l-esponenti jissottometti illi hija l-gurisprudenza llum stabbilita tal-Qrati taghna li ghalkemm ir-reat ikkontemplat huwa reat ta' natura kontinwata, ir-reat ma jitqies li jikkontinwa fejn l-individwu kkoncernat ma jibqghax f'posizzjoni li jista` jassigura li l-kumpanija minnu rapprezentata tikkonforma ruhha mal-ligi; hekk per ezempju, fejn persuna tirrizenja minn direttur tal-kumpanija, gie ritenut li b'effett mid-data tar-rizenja l-persuna ma tibqax responsabbli ghat-twettiq ta' l-obbligi fiskali tas-socjeta` u ghalhekk tibda tiddekorri l-preskrizzjoni;
Illi fil-kaz odjern, gie ppruvat illi s-socjeta` in kwistjoni hija insolventi u li anke l-appellant personalment tilef gidu kollu, billi saru diversi subbasti kontra tieghu fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc u billi anke somma ta' flus li wiret minghand missieru giet sekwestrata u zbankata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-appellant illum huwa sahansitra "homeless" billi d-dar fejn joqghod giet mibjgha b'subbasta u ghandu terminu kontra tieghu sabiex jizgombra;
Illi din is-sitwazzjoni ta' impossibilita` li jhallas ilha pendenti sa mis-sena 2006, b'mod illi ghalhekk l-akkuza hija preskritta bid-dekors ta' sentejn;
Illi l-Ewwel Qorti, evidentement bi zvista, ma qisietx li l-formoli effettivament gew inoltrati u mid-dicitura tas-sentenza jidher li kienet qed tassumi li apparti n-nuqqas ta' hlas, lanqas il-formoli ma gew prezentati kif titlob il-ligi;
Illi l-piena imposta, ghalkemm entro l-parametri tal-ligi, ma tqisx ic-cirkostanza ta' impossibilita` li jhallas li jinsab fiha l-appellant, b'mod illi l-appellant huwa espost eventwalment ghal piena karcerarja indipendentement minn kull haga li jista' jaghmel.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta Guido Agius Furniture Limited. L-ohrajn huma Giuseppe Agius  li rrizenja fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1999 u Carmela Agius li rrizenjat fit-tnax (12) ta' Mejju, 2001.  M'huwiex ikkontestat li mill-formoli rikjesti taht il-

final settlement system dawk li min ihaddem huwa tenut illi jibghat fuq bazi anwali ntbghatu tartivament f'Novembru tas-sena 2010, pero' minn dawk illi huwa tenut jibghat kull xahar hlief xi ftit ma ntbghat xejn. Mad-dokumenti mensili min ihaddem ghandu jibghat it-taxxa relattiva izda dan baqa' ma sarx. L-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta l-fatt illi l-formoli mensili (FS5) fil-maggoranza taghhom ma ntbghatux u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jilmenta minn dawn in-nuqqasijiet ghas-snin minn 1998 sa 2006. James Delmar in rapprezentanza tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni minn barra li xehed dwar in-nuqqasijiet fil-formoli semma wkoll illi kien sar ftehim ma l-appellant sabiex ikun jista' jhallas l-ammont ta' €60,304 illi kellu jiehu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni liema pagament baqa' ma sarx. L-appellant xehed quddiem din il-Qorti u qal illi jaqbel illi ghandu jaghti dik il-figura lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Il-ftehim qatt ma wasal ghandu hlief dak inhar tal-kawza, pero' fi kwalunkwe kaz ma kienx f'pozizzjoni li jhallas. Il-problemi finanzjarji tieghu bdew meta l-Gvern kien idum biex ihallas ghax-xoghol li jkun ordna. Minn ghandi il-Gvern kellu jiehu LM42000. Ghalhekk meta sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji l-importanti ghalih kien illi johrog il-pagi tal-haddiema, pero' lanqas dan ma felah jaghmel sakemm ghalaq kompletament fl-2006.

Lill-HSBC kellu jhallas 'il fuq minn mitt elf lira (LM100,000). Spicca illi ghamillu subbasta u hadlu kollox kemm il-propjeta tal-kumpanija kif ukoll id-dar ta' fejn kien joqghod illi kien ipoteka favur il-Bank ghal self illi ha minn ghandu. Il-Gvern ma kienx dahal biex jithallas bis-subbasta. Ammetta illi ttraskura l-formoli 'l ghaliex kien jahdem hafna u ma kellux hin ghall-amministrazzjoni. Spicca biex illum qed joqghod mat-tifel peress illi tilef daru u qed jahdem ta' kummissjonant. Ghal din is-sitwazzjoni l-appellant qieghed jargumenta li jinsab fl-impossibilita li jhallas peress illi l-problemi tieghu bdew meta ma hallsux il-Gvern u hadlu l-propjeta kollha l-HSBC. Dwar il-ftehim illi kellu mas-CIR xorta ma kienx se jigi mwettaq ghax ma kienx f'possibilta li jhallas.

Ikkunsidrat.

L-aggravji ta’ l-appellant jikkonsisti principalment illi l-akkuzi kif dedotti huma preskritti bid-dekors tat-terminu previst mill-Ligi u dan billi l-appellant jinstab fl-impossibilita’ assoluta li jhallas sia proprio u kif ukoll nomine u tali impossiblilita ilha ssehh matul il-perjodu preskrittiv kollu.

Ikkunsidrat.

L-ewwel Qorti diga dderemiet din il-kwistjoni u fis-Sentenza taghha tat ir-ragunijiet legali u validi ‘l ghaliex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma kelliex tigi milquha. Din il-Qorti diga kellha okkazjoni tipronuncja ruhha fuq dan il-punt u taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joseph Mary Debono” deciza fid-disgha (9) ta’ Dicembru, 2011 fejn fost affarijiet ohra qalet “Quindi Direttur fil-kariga jibqa responsabli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas mlli jibghat ir-returns u d-dokumenti lill-istess Kummissaruju u r-reati kontemplati taht l-Kap 372 ghandhom jitqiesu bhala ta’ natura permanenti u jibqghu hekk sakemm id-Direttur jew il-persuna koncernata tottempra ruhha mal-Ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni”. L-appellant fir-rikors tieghu donnu jirrikonoxxi dan pero’ jghid illi huwa jinsab fl-impossibilita illi jhallas minhabba diffikultajiet finanzjarji kbar li waqghu fuqu.

Ikkunsidrat.

Filwaqt illi din il-Qorti tirrealizza li d-difiza ta’ l-impossibilita hija rikonoxxuta fis-sistema guridika taghna, bhal regola generali din id-difiza tista’ tigi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibilita fizika li jottempra ruhu mal-Ligi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta’ “self inflicted impossibility” din id-difiza ma tistax treggi. Id-diffikultajiet ta’ l-appellant mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma dovuti ghal zewg dicizjonijiet zbaljati mehuda minnu. Wahda kienet dik illi ha riskji li ma messux ha mal-Bank fejn anki ipoteka propjeta personali tieghu u t-tieni

meta sab ruhu f'aktar diffikultajiet ghazel li jhallas il-pagi tal-haddiema flok dak dovut lill-erarju.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi kienet decizjoni libera ta' l-appellant illi jipoteka propjeta personali mal-Bank. Fuq dan zgur il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jahtix. Ma hemmx dubju illi l-appellant hawnhekk ghamel kalkolu hazin u ta dan jahti hu u hu biss. U t-tieni, ma kellu l-ebda dritt jaghzel li jhallas lil haddiema u jhalli lura lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. La ha fuqu dan l-oneru ta' l-ghazla allura jrid jerfa' r-responsabilta taghha. L-ammonti dovuti lill-erarju ghandhom jithallsu dejjem u hadd ma jista' jaghmel il-prijoritajiet tieghu u jaghzel hu lil min ghandu jhallas ghal skapitu ta min.

Ghalhekk il-Qorti issib illi b'dawn id-decizjonijiet kien l-istess appellant illi pogga ruhu f'"self inflicted impossibility" sabiex jonora l-obbligi tieghu mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ma jistax issa f'dan l-istadju jqajjem id-difiza ta' l-impossibilita. Ghalhekk il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa l-agravji ta' l-appellant u ssib li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-mottivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------